MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 503/2005/1

**Christine Xuereb**

**vs**

**Mario Micallef**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta' Settembru, 2008, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti:-
>
> Rat l-avviz prezentat mill-attrici nhar it-tmienja w ghoxrin (28) ta' Settembru 2005 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' elfejn, sitt mija u lira u disgha u disghin centezmu (LM2,601.99) rapprezentanti *commissions* dovuti skond *invoices* (Dok. A) li

huma dovuti skond il-ftehim bejn il-partijiet (Dok. B sa Dok. F) u dan in virtu wkoll ta' ftehim bejn il-konvenut Mario Micallef u l-Public Broadcasting Services plc (Dok. G).

Bl-interessi mid-data tal-iskadenza tal-ewwel pagament dovut, u bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali ppresentata fis-sbatax (17) ta' Mejju 2005 (Dok. H) kontra l-konvenut, li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tal-konvenut prezentata nhar it-tnejn (2) ta' Novembru 2005 fejn ecepixxa is-segwenti:-

1. Illi l-konvenut m'huwiex il-legittimu kontradittur f'din il-kawza u dan stante l-fatt illi kwalunkwe hlasijiet illi jistghu jkunu dovuti lill-attrici huma semmai dovuti mis-socjeta Public Broadcasting Services Ltd (C-13140) kif sejjer jigi ppruvat fit-trattazzjoni ta' din l-eccezzjoni u kif, del resto gia ndikat mill-attrici stess fid-dokument minnha esebit ma dan l-avviz.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.

Illi nhar it-tmienja (8) ta' Frar 2006 xehdet l-attrici **Christine Xuereb** fejn qalet li ghall-habta t'Awissu 2004 hija kienet irritornat lura Malta u kienet marret ghand il-Multi Gas biex tiltaqa' ma xi hbieb li kellha u fost dawn il-hbieb kien hemm certu Michael Mallia li dak iz-zmien kien jokkupa l-kariga ta' Chairman tal-PBS. Hija qaltlu li kienet qed tifittex xi xoghol u dan qalilha sabiex tikkomunika mal-konvenut li kien ukoll jahdem il-PBS biex tara jekk kienx hemm xi *openings* ghaliha. Hija fil-fatt ikkomunikat ma dan Mario Micallef u sahansitra anke ltaqghet mieghu u ghamlet interview mieghu xi gimghatejn wara.

Il-konvenut spjegalha dak li kellu bzonn u cioe xi hadd li jahdem *freelance* fis-sens li ma tkunx impjegata mieghu u li xoghlha kien li takkwista xi *advertising* biex igibu r-reklami taghhom fl-istazzjoni tat-*television* u tar-*radio* PBS. Fehmha ezattament x'kien ser jikkonsisti xogholha, ghaddietlu kopja tac-CV taghha u qalilha li kellu jerga jikkomunika maghha. In segwitu kien zamm xi laqghat ohra maghha.

Fit-tieni laqgha mbaghad il-konvenut spjegalha x'kienu l-kundizzjonijiet tax-xoghol li kienet ser tinghata billi qalilha li kienet ser tinghata s-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltin (LM250) fix-xahar, oltre *expenses* u kummissjoni ta' biegh ta' *advertising space* li hija kienet ser tbiegh. Hija bdiet tahdem fl-ahhar gimgha tax-xaghar ta' Settembru. Hija esebiet l-*e-mails* li kienu qed jigu skambjati bejn il-konvenut Michael Mallia u Andrew Psaila peress illi l-konvenut kien jibghatilha kopja ta' dak li kien jikkoncerna lilha.

Tghid li ghal bidu l-konvenut ipprovdilha *office space* fil-bini tal-PBS u ghall-ewwel qaghad maghha sabiex jispjegalha ezattament x'ried minghandha. Qalilha li kienet intitolata ghal *commission* ta' 5% ghal dawk il-*sales* li ggib hi direttament u 1.5 ghas-*sales* li ggib tramite xi agenzija. Qalet li l-*allowance* ta' mitejn u hamsin lira (LM250) bdiet tithallas regolarment lilha ghal bidu, pero ma kienitx qed tithallas ghal *commission* skond l-*invoices* li kienet tipprezenta. Meta rat li sa Dicembru kienet ghadha ma rceviet l-ebda hlas ghal *commission* hija kelmet lill-konvenut u dan kien allegatament qalilha li lanqas hu ma kien ghadu thallas, u kien qed jistenna li jithallas ta' xi krediti li kellu, sabiex imbaghad ihallas lilha. Tghid li wara xi zmien hija ddejqet minn dan l-arrangament u baghtet xi *e-mails* lil konvenut u qaltlu li jekk ma jhallashiex, hija ma kienitx ser tkompli tahdem ghalih.

Ikkonfermat li s-*sales* kollha li ghamlet ghall-konvenut huma dawk elenkati a fol. 2 tal-process u huma maqsumin f'zewg parti. Hemm parti li huma *sales* li dwarhom kellha tircievi *commission* ta' 5% u jammontaw ghal (LM2,347.96) u kien hemm parti ohra ta' *commission* bir-rata ta' 1.5% fl-ammont ta' (LM253.95) w ghalhekk kien li qed titlob il-hlas ta' LM2,601.99. Il-ftehim li kellha mal-konvenut kien fis-sens, li kien hu li ser ihallasha. Tghid illi trattativi mal- Public Broadcasting Services m'ghamlitx u ziedet tghid li l-konvenut kien jahdem *free lance* mal-PBS (skond Dok. CX 1) u hi kienet impjegata tieghu. Hija esebiet fotokopja ta' cekk fl-ammont ta' LM318 intestat lil konvenut mahrug mill-PBS, liema cekk allegatament kien gie mghoddi lilha wara li gie *endorsed* mill-konvenut bhala pagament ta' *allowance* dovut lilha. Qalet li kull pagament li sar lilha, sar b'dan l-istess mod. Ikkonfermat li l-ahhar *allowance* li rceviet minghand il-konvenut, kien ikopri l-ahhar ta' Dicembru 2004.

In kontr'ezami tikkonferma li kuntratt bil-miktub ma kellhiex, izda l-impieg taghha mal-konvenut huwa konfermat permezz tal-*e-mails* esebiti fl-atti. Ikkonfermat li ma nies ohra tal-PBS ma ltaqatx u li dawk li saret taf kienu gew introdotti lilha mill-konvenut stess. Qalet li l-konvenut kien taha impieg sabiex huwa jaghti servizz ahjar lil PBS. Tiftakar ukoll illi kien hemm zmien f'Novembru jew Dicembru 2004, meta l-konvenut kien hallasha ghall-*allowance* dovut lilha minn cekk personali tieghu u dan ic-cekk kien jirrapprezenta il-*commission* fuq il-valur tas-*sales* li kienet ghamlet. Qalet li dwar ir-relazzjoni li l-konvenut kellu mal-PBS, hija ma taf xejn oltre dak li hemm stabbilit fil-kuntratt.

Illi nhar il-hdax (11) ta' Mejju 2006 regghet xehdet u stqarret ghal darb'ohra li l-impressjoni taghha kienet illi hija ma kienitx impjegata mal-PBS, izda mal-konvenut, ghalkemm kienet taf li xoghlha kien

li tbiegh ir-reklami fl-interess tal-PBS. Ikkonfermat li pero il-PBS qatt ma kienu krew is-servizzi taghha. Spjegat li l-hlasijiet li kienet tircievi, kienu permezz ta' cekkijiet mahruga f'isem Mario Micallef u dawn kienu jkunu *endorsed* lilha. Qalet li l-*e-mail address* li giet moghtija kien crix@nextgent.net.mt. Mistoqsija ghaliex fl'*e-mail* li kienet baghtet lill-konvenut nhar l-erbatax (14) ta' Dicembru 2004 (Dok. AN 1) hija kienet kitbet li l-PBS kienu qed jikru s-servizz taghha, wiegbet li verament kitbet hekk, pero in realta r-relazzjoni taghha kienet mal-konvenut, li kien *free lance* mal-PBS u mhux impjegat. Hija kienet irregistrata mal-PBS bhala *self employed*.

Illi nhar il-hdax (11) t'Ottubru 2006 xehed il-konvenut **Mario Micallef** fejn qal li huwa jahdem *free lance* mal-PBS u jaghmel xoghol ta' reklamar ghal diversi kumpaniji ohra. Ikkonferma li huwa kellu kuntratt mal PBS u cioe dak esebit fl-atti a fol 8 u xoghlu kien li jimmeljora is-servizzi dwar reklamar mal-PBS. Qal li bhala kundizzjoni biex dahal f'dan l-impieg, huwa kien insista mad-dirigenti tal-PBS li kellhom jimpjegaw aktar nies. Huwa ghamel referenza ghall-klawsola numru 4 li tinsab a fol. 9 tal-process w appuntu fejn hemm imnizzel li kwalunkwe persuna li huwa kien ser jingagga biex tahdem mal-PBS, kellha tigi kumpensata ghas-servizzi direttament mill-PBS kemm ghal salarju kif ukoll ghall-*commissions*. Fost in-nies li huwa ntervista ghax-xoghol, kellu rakomandazzjoni minghand Michael Mallia, qua Chairman tal-PBS fuq l-attrici. Fil-fatt ighid li huwa kien intervistha u ra li kienet tajba ghall-impieg w ghalhekk kien impjegha. Pero qabel ma wasal biex jaghmel ftehim maghha, huwa kien infurmaha bir-remunerazzjoni li kellha tircievi u kien informa lic-Chairman Michael Mallia u lil Andrew Psaila permezz ta' *e-mail* fuq dak li kien iddecieda, u dan kif jirrizulta mill-*e-mail* esebit fl-atti u markat bhala Dok. MM 1. Huwa kien ukoll informa lill-attrici b'dak li kien ghaddej, u kien

baghtilha *e-mail* datata tmintax (18) t'Awissu – Dok. MM 2.

Huwa jghid li dawn l-*e-mails* kien baghthom fuq il-*letter heads* tal-PBS, kif kien awtorizzat li jghamel. Jghid li fil-fatt f'din l-*e-mail* tieghu jghid lill-attrici jekk kienitx lesta li taccetta l-kundizzjonijiet li kienu lesti li jghatuha tal-PBS. Qal li fil-fehma tieghu, huwa dejjem tkellem car fis-sens li kien qed jitkellem maghha ghan-nom tal-PBS u li kien ikellimha fil-bini tal-PBS. Qal li meta l-attrici accettat il-kundizzjonijiet, huwa rrangalha sabiex il-PBS jipprovdulha skrivanija f'ufficcju ma terza persuna. Il-*business cards* taghha kienu juru li hija kienet Sales Executive mal-PBS.

Jghid li verament kien hemm problema sabiex l-attrici tithallas mill-PBS w ghalhekk huwa kien ihallasha personalment minn flusu, u wara inizzel dan il-pagament bhala *disbursement* sabiex wara jithallas minghand il-PBS ghal hlasijiet li jkun ghamel. Huwa ghalhekk kull xahar kien japplika mal-PBS ghal dak li kellu jiehu hu u b'mod separat kien japplika ghal *disbursement* ghal flus li jkun gia ghadda lill-attrici. Jghid li l-PBS kien johrog jew cekk intestat lill-attrici direttament jew lilu u huwa kien jendorsjah lilha. Jghid wkoll li darba minnhom kien hemm dewmien fil-hlasijiet minghand il-PBS u kien gie avvicinat mill-Financial Controller, certu Azzopardi u mitlub sabiex ihallas lilll-attrici direttament hu minn flusu, u wara ikun jista izomm c-cekk li johrog ghaliha u hu hekk kien ghamel dakinhar hallasha minn butu.

Huwa ghamel referenza ghall-*e-mail* esebit fl atti a fol. 42 tal-process u jghid illi f'dik l-*e-mail* l-attrici stess tilmenta li ma kienitx qed tithallas fiz-zmien mill-PBS. Jghid li safejn jaf hu, l-konteggi li ghamlet l-attrici dwar hlasijiet li ghadhom dovuti lilha mill-PBS, huma korretti u fil-fatt kien ghamel rakkomandazzjoni lil PBS sabiex ihallsuha. Jghid li l-attrici kienet taghmel xoghol tajjeb u li kien lest

ihallasha hu darb'ohra, pero l-PBS ma kienitx qed thallas lanqas lilu. Jghid li effettivament huwa kellu jiehu minghand il-PBS is-somma ta' LM17,000. Jghid ukoll li meta kien ghamel ittra ufficcjali lil PBS sabiex jithallas, huwa kien anke nkluda dak dovut lill-attrici, sabiex wara jghamel *disbursement*, izda dan kien ghal xejn ghax ma thallasx.

In kontr'ezami nhar it-tnax (12) ta' Gunju 2007 ikkonferma li l-attrici kienet impjegata tal-PBS u ighid li fl-ahhar *interview* li kien zamm maghha hu kien spjegalha li kienet ser tkun impjegata tal-PBS. Jghid ukoll li qalilha li kien ser ikollha kuntratt mal-PBS u li kienet ser tiffirmah w inoltre jispjega li kienet irceviet l-*e-mail* mill-PBS. Ikkonferma wkoll li x-xoghol li kienet taghmel l-attrici, kienet tghaddih lilu, waqt li hu kien jghaddih lil PBS. Pero jikkonferma li l-attrici kienet tithallas permezz ta' cekk li kien johrog f'ismu u huwa kien jghaddih lilha wara li jkun ghamel *counter signature* fuqu. Ikkonferma li l-attrici qatt ma thalset ghal *commissions* li kienet dovuta u d-*disbursements* li kienu dovuti lilha, kien ihallashom hu, fi kliemu, bhala *att ta' karita'* ghaliex ma kienx obbligat li jaghmel hekk. Qal li huwa pprova jghin hafna lill-attrici qabel ma telaq minn fuq ix-xoghol u li sahansitra anke tkellem mal-klijenti sabiex tithallas minghandhom direttament tal-*commission* dovut lilha. Jghid li ghalkemm il-kuntratt mal-PBS hija kienet ghadha ma iffirmatux, il-flus li kienet intitolata ghallihom, kellha tigborhom mill-PBS. Jispjega li l-kuntratti li kienet taghmel l-attrici, kienet tghamilhom f'isem il-PBS.

Illi nhar il-hdax (11) t'Ottubru 2006, l-konvenut esebixxa affidavit ta' **Michael John Mallia** u dan stqarr illi huwa jokkupa il-kariga ta' konsulent mas-socjeta Multi Gas fost affarijiet ohra, pero ghamel hmistax il-xahar jokkupa l-kariga ta' Chairman tal-PBS bejn Lulju 2003 u Ottubru 2004. Qal li sakemm dam jahdem ghal PBS dejjem kienet ix-

xewqa tieghu li jtejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja tal-PBS billi jimpjegaw persuni kapaci fil-qasam tal-*marketing* sabiex jigi zgurat li f'dan l-operat jisfruttaw il-potenzjal kollu li kien hemm fejn jidhlu *airtime sales* u kien ghalhekk li fil-hdax (11) t'Awissu 2004 gie iffirmat kuntratt bejn il-PBS u l-konvenut, sabiex fost affarijiet ohra dan ta' l-ahhar fil-kapacita tieghu ta' konsulent jingagga persuni bhala *marketing sales persons*.

Issa, kif jirrizulta mill-kuntratt imsemmi mill-klawsola numru 4, il-PBS intrabtet li tkun hi responsabbli ghall-hlas ta' remunerazzjoni lil dawk il-persuni li jigu ngaggati mill-konsulent, basta pero jkunu approvati mill-kumpanija qabel ma jigu hekk ingaggati.
Jikkonferma li fost in-nies li zamm *job interview* kien hemm il-konvenuta u fil-fatt ighid li kien hu li effettivament kien heggigha sabiex tikkuntattja lill-konvenut. Jghid li kien ghamililha cara li f'kaz li tigi accettata hija kienet sejra tkun *free lance* izda kienet ser taghti s-servizz taghha lil PBS. Fil-korrispondenza ta' bejnu u bejn il-konvenut, l-konvenut kien tah parir sabiex jaccetta s-servizzi taghha u dan ghaliex kienet lesta taghmel dan ix-xoghol fuq bazi ta' *commission* u fil-fatt hekk kien ghamel.

Illi nhar il-wiehed w ghoxrin (21) ta' Jannar 2008 xehed **Edmund Tabone** fil-kapacita tieghu ta' Manager Corporate Services mal-PBS. Ikkonferma li konvenut kien impjegat mal-PBS tul il-perjodu minn Dicembru 2002 sa Mejju 2005 u tul dan il-perijodu l-PBS kien jaf lilu biss dwar hlasijiet u fil-fatt halsitu s-somma ta' LM40.200. Jghid li l-konvenut kien jghaddi x'*invoices* lil PBS u l-PBS kienet thalsu ghal *commission* dovut. Jikkonferma li l-PBS kienet taf li l-konvenut kellu lill-attrici tghinu, pero l-PBS ma **<u>kellha l- ebda relazzjoni maghha</u>**. Jghid li din qatt m'ghadditilhom x'*invoice* u huma qatt m'ghaddewlha xi hlas. Mistoqsi x'kien jaghmel bil-flus li kien jircievi

minghand il-PBS, l-konvenut, ix-xhud ighid li ma kienx jaf.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attrici pprezentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar it-tnejn w ghoxrin (22) ta’ Mejju 2008 u dik tal-konvenut Mario Micallef ipprezentata nhar it-tlettax (13) ta’ Gunju 2008.

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn, u cioe qabel ma tidhol u tiddiskuti l-fatti specie tal-kaz in dezamina, din il-Qorti sejra telenka ‘n materja ta’ provi, r-regoli li ghaliha huma l-aktar prelevanti fl-ordinament guridiku.

1. Ibda biex, ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a karigu tal-parti li tallega fatt, l-oneru li ggib il-prova ta’ l-esistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sia fuq l-attur, li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta’ l-attur (*reus excipieno fit actor).* Ara Kollez. **Vol. XLVI p 1 p 5.**

2. Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, ‘*jista ikun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta’ l-attur hija sostenuta*.’ (**Kollezz. Vol. XXXVII p 1 p 577).**

3. Il-gudikant, adit mill-mertu tal-kaz, hu tenut jiddecidi *iuxta alligata et probata*, u dan jimporta li d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri minn dawk ic-cirkostanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi li d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir a bazi tar-regola legali tal-gudizzju ‘n kwantu timponi fuq il-gudikant, il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat, m’huwiex veru ghax mhux ippruvat.

4. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-appezzament tar-rizultanzi probabtorji w allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli w idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali mpost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici t'Organizazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku.

5. Skond l-ordni guridiku tar-regoli probatorji, jinkombi lill-attur b'obbligu u fl-ewwel lok li jipprova b'mod adegwat l-allegazzjoni centrali tieghu li l-konvenut huwa debitur tieghu. Sakemm dan ma jghamlux, il-konvenut jibqa assistit mill-principju li l-piz tal-prova huwa l-ewwel mixhut fuq l-attur. Huwa biss f'kaz illi l-attur ikun irnexxielu, imqar *prima facie* jistabbilixxi t-tezi tieghu, li mbaghad il-piz tal-prova jissosta ruhu ghal fuq il-konvenut. Kif inghad minn **<u>Phipson on Evidence</u>** 11th Edition, para. 103 '*In civil cases the evidential burden may be satisfied by any species of evidence sufficient to raise a prima faccie case*.'

L-istess awtur jispjega wkoll (op. Cit. para. 91) li r-regola '*ei qui affirmat non ei qui negat incumbit probatio' is adopted principally because it is but just that he who invokes the aid of the law should be the first to prove his case*.'

Ferma din l-introduzzjoni, bla dubbju l-kwistjoni hawn sottomessa hija essenzjalment wahda li tiddependi mill-valur u mill-kredibilta li trid tinghata lill-provi struttorji hawn migbura. Valutazzjoni din, li necesarjament trid tkun wahda globali fil-kwadru t'investigazzjoni unitarju w organiku.

Mill-elementi tal-provi proceduralment akkwiziti, din il-Qorti trid tissenjala dawn il-fatti ta' sustanza.

L-attrici xehdet li hija ma kellha l-ebda relazzjoni mal-PBS, fis-sens illi r-relazzjoni guridika taghha kienet mal-konvenut li ghamlilha *interview* fuq rakkomandazzjoni ta' Michael Mallia. Qalet li kuntratt mal-PBS li ma kellhiex u li qatt ma kienet thalset minghand il-PBS, izda dejjem kien l-konvenut li kien ihallasha, billi kien jircievi xi hlasijiet minghand il-PBS u huwa kien jendorsjhom favur taghha. Qalet li pero hija ma thalset qatt il-*commissions* dovuti lilha. Spjegat li sahansitra kien hemm okkazzjoni meta l-konvenut ma kienx ircieva xi pagamenti minghand il-PBS, izda huwa xorta wahda hallasha, billi kien taha cekk personali tieghu.
Illi hija ressqet bhala xhud taghha 'n difesa sabiex jikkonferma dak mistqarr minnha, lil Edmund Tabone li kien il-Manager tal-Corporate Services fi hdan il PBS. Huwa kkonferma li l-konvenut kien impjegat ghal zmien konsiderevoli, mal-PBS u li l-PBS kienet thalsu b'mod regolari, skond l-*invoices* li kien jghaddilhom regolarment kull xahar. Jghid b'mod kategoriku, li l-attrici ma kellha l-ebda relazzjoni mal-PBS, ghalkemm kien jaf li din kienet tghin lill-konvenut. Jikkonferma li l-attrici qatt m'ghaddiet xi *invoices* lil PBS ghal hlas u huma qatt m'ghaddewlha xi hlas.

Il-konvenut minn naha l-ohra ighid li verament kien impjega lill-attrici wara li ghamillha *interview* fuq ir-rakkomandazzjoni ta' Michael Mallia, izda jghid li verament kien sab l-attrici efficjenti u kien ghalhekk li mpjegaha sabiex tghin lil PBS. Jghid li kien spjegalha li kienet ser tkun qed tahdem ghall-PBS u jaghmel referenza ghal *e-mail* esebita fl-atti a fol. 3. Jikkonferma li kien hu li kien ihallas lill-attrici, izda jghid li kien jaghmel hekk, ghaliex il-PBS kienet iddum biex thallas u fil-fatt ighid li kien jghaddilha l-pagamenti tieghu w imbaghad

jaghmel *claim* mal-PBS u jithallas taghhom bhala *disbursement*.

Din il-Qorti issibha ferm difficli temmen kif bniedem jghaddi flusu lil haddiehor minghajr raguni gustifikata.

Jammetti wkoll li darba minnhom kien hallasha hu personalment, ghaliex il-PBS damet ma tghamel il-pagament lilu u jghid li ghamel hekk, bhala att ta' karita.

Din ukoll il-Qorti issibha difficli temmen.

Il-konvenut ighid li l-attrici pero kienet irceviet xi pagamenti mill-PBS, pero prova dwar dan ma ressaqx. Lanqas ma esebixxa l-formola tal-ingagg taghha kif mahruga mill-ETC sabiex jipprova l-allegata relazzjoni li l-attrici kellha mal-PBS. Lanqas m'esebixxa, imqar *pay slip* wahda mahruga mill-PBS bhala evidenza ta' xi hlas. Il-konvenut ghogbu biss joqghod u jistrieh fuq ix-xhieda tieghu u dik ta' Michael Mallia li qal li verament kien hu li rrakomanda lill-attrici ghall-impieg u li verament il-konvenut kien responsabbli sabiex jingagga persuni responsabbli sabiex jahdmu ghall-PBS. B'dan pero il-konvenut ma jippruvax li l-attrici kienet wahda minn dawn in-nies. Il-konvenut ighid ukoll li l-*business cards* tal-attrici kienu jindikaw li hija qed tahdem ghall-PBS bil-kliem 'Sales Executive PBS'. Din il-prova hija wkoll mankanti fil-process.

Illi fil-fehma tal-Qorti u mill-provi prodotti, jirrizulta ghas-sodisfazzjon taghha li l-konvenut huwa l-legittimu kontradittur f'din il-kawza u mhux minnu li l-hlasijiet dovuti ghandhom jithallsu mill-PBS.

Illi dwar il-quantum ma jidhirx li hemm kontestazzjoni tant li l-konvenut stess ighid li huma dovuti u li l-attrici hija ntitolata ghalihom.

> Ghaldaqstant il-Qorti, filwaqt li tilqa t-talba attrici, qieghda tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici is-somma ndikata fl-avviz fl-ammont ta' LM2601.99 ekwivalenti ghal 6061.01 (sitt elef u wiehed u sittin Euro u centezmu Euro) ghar-ragunijiet imsemmija fl-avviz.
>
> Bl-ispejjez kontra l-konvenut.
>
> L-imghax skond il-ligi."

Il-konvenut hassu aggravat b'din is-sentenza u appella minnha lil din il-Qorti biex jitlob ir-revoka taghha. Essenzjalment, l-aggravju tieghu jikkonsisti fl-ilment illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti u tal-provi u waslet ghal konkluzjoni errata illi l-attrici kienet impjegata mieghu;

Minn vizjoni tal-korp tas-sentenza ghandu jirrizulta illi l-ewwel Qorti tipprovdi esposizzjoni konciza ta' l-izvolgiment tal-process ghal dak li hu l-kontenut sostanzjali tal-fatti tal-kawza, u mhux il-kaz li din il-Qorti toqghod terga' tirreplikahom;

Evidentement, l-argoment baziku ta' l-appellanti, kemm quddiem l-ewwel Qorti u anke issa f'din is-sede, hu dak li l-materja in kontestazzjoni ma kienetx tolqot lilu u, la dan hu hekk, il-gudizzju mitlub mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma setax jikkonsegwi l-iskop tieghu ghax kien qed isir *di fronte* ghall-persuna li ma kienetx il-legittimu kontradittur. Fi ftit kliem, hu qieghed jikkontendi li mieghu ma setax ikun hemm rapport processwali ghaliex bejnu u l-attrici appellata ma kienx jezisti r-rapport guridiku sottostanti dedott fil-gudizzju;

Biex isostni dan l-argoment tieghu l-appellanti jadduci s-sottomissjonijiet li jsegwu:-

(1) Il-kuntratt tieghu tal-11 ta’ Awissu 2004 mal-Public Broadcasting Services (PBS) kien jahseb ghall-ingaggar minnu ta’ “*marketing sales persons*” wara l-otteniment ta’ l-approvazzjoni debita mill-istess PBS. Dejjem skond l-istess kuntratt il-hlas dovut bhala remunerazzjoni u kummissjonijiet kellu jsir lill-persuni ingaggati mill-PBS;

(2) L-attrici giet hekk ingaggata minnu izda, sfortunatament, inqalghu intoppi u l-kuntratt relattiv bil-miktub bejn l-attrici u l-PBS baqa’ ma sarx. Dawn l-intoppi kienu wkoll korrelatati mal-hlasijiet li kellhom isiru lill-attrici;

(3) Biex jassikura li ma tintilefx il-prestazzjoni ta’ l-attrici huwa adotta sistema dwar il-modalita` tal-hlasijiet. Huwa jghid li l-PBS kienet tohrog cekkijiet f’ismu u mbaghad hu kien jendorsjahom favur l-attrici. Kien biss f’okkazjoni wahda illi hareg *cheque* personali tieghu lill-attrici;

Jidher mit-twegiba ta’ l-appell illi hemm qbil illi l-ingaggar ta’ l-attrici kien fuq bazi ta’ “*freelance*” u li ghalkemm, apparentement, din kienet tippresta servizzi fl-interessi tal-PBS, ma’ din il-kumpanija ma gie finalment konkjuz ebda kuntratt, u l-prestazzjonijiet taghha baqghu kif diretti mill-konvenut appellant;

Minn dan s’issa dedott, l-ewwel osservazzjoni li trid taghmel il-Qorti hi dik li x-xorta ta’ ingaggar ta’ l-attrici kien jikkwalifika bhala xoghol awtonomu u indipendenti u mhux ta’ xi impjieg subordinat. It-tieni osservazzjoni hi dik li l-prestazzjonijiet tas-servizzi mill-attrici kienu ko-ordinati mal-konvenut li ngaggaha ghal dak il-fini. Dan, fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti, jippostula rapport ta’ konferiment ta’ inkariku mill-konvenut lill-attrici, anke jekk fil-forma kif rizultanti mir-rizultanzi probatorji. Ankorke dan ir-rapport kellu jitqies bhala wiehed intermedju informali li suppost kellu jwassal ghal kontrattazzjoni formali mat-terz

(PBS), jibqa' l-fatt illi din l-istess kontrattazzjoni baqghet ma avveratx ruhha u, apparti dan, il-prestazzjonijiet mill-attrici baqghu ghaddejjin b'mod kontinwat. F'rapport bhal dan, aktar minn proposti ta' kontrattazzjoni bejn l-attrici u l-PBS, kif hekk jishaq tant dwarhom l-appellanti bir-referenza enfatika li jaghmel ghall-*e-mails* tieghu tal-10 ta' Awissu, 2004 u tad-9 ta' Dicembru, 2004, wiehed ghandu x'aktarx jiffoka izjed fuq ir-rikjesti mill-konvenut lill-attrici ta' ezekuzzjoni tal-prestazzjonijiet. Minn din l-impostazzjoni tar-rapport il-konvenut ma jistax, anke jekk l-attrici ma kienetx effettivament impjegata tieghu, jeskludi illi kien hu li ngagga lill-attrici u li kien hu wkoll li kkonferilha l-inkarigu relattiv;

Jista' jigi obbjettat mill-appellanti, kif hekk jirrizulta li hu l-kaz, illi l-prestazzjonijiet mill-attrici kienu qed isiru ghaf-favur tal-PBS u mhux tieghu. Haga li hi possibbli a norma ta' l-Artikolu 1000 tal-Kodici Civili, fejn ikunu jezistu r-rekwiziti kollha tieghu, kompriza d-dikjarazzjoni mit-terz li jrid jinqeda b'dak il-ftehim. Ankorke tali kien il-kaz, anke, hawnhekk, tajjeb li jigi rilevat illi dak il-patt xorta wahda mhux fonti ta' obbligazzjoni ghat-terz ghax dak il-patt ma jgibx modifika ta' dik il-qaghda tieghu ta' estraneju fir-rigward tal-ftehim konkordat bejn l-attrici u l-konvenut. Korrettement interpretata, id-dikjarazzjoni tat-terz li jrid japprofitta ruhu minn dik l-istipulazzjoni ghaf-favur tieghu hi merament *condicio iuris* u xejn aktar minn hekk. Ma tikkreja ebda kuntratt bejn it-terz u l-prestaturi tas-servizz, u l-kwestjoni tibqa' regolata bejn l-istipulanti tal-ftehim, ossija f'dan il-kaz bejn l-attrici u l-konvenut. Hu proprju minn dan il-ftehim intercedut li jitwieldu l-obbligi u d-drittijiet. Ara Artikoli 992 – 1001 ta' l-istess Kodici;

Premess dan kollu, kif gja rrilevat f'sentenzi ohra taghha, kull attivita` tal-bniedem, ekonomikament rilevanti, u anke jekk oggett ta' rapport tax-xoghol awtonomu jew subordinat, igib mieghu, salv fil-kaz ta' prestazzjoni gratuwita, il-hlas tal-korrispettiv dovut. Tradott ghal kaz in ispeci, ir-rapport bejn l-attrici u l-konvenut aktar 'il fuq konsiderat kien jesigi illi l-attrici appellata tigi retribwita

skond it-termini tal-ftehim. F'dan il-kwadru l-Qorti, bhall-ewwel Qorti qabilha, ma tistax taccetta l-proposizzjoni illi l-appellanti ma huwiex il-legittimu kontradittur jew li l-hlasijiet reklamati m'ghandhomx isiru minnu imma mill-PBS.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez anke ta' din l-istanza jibqghu sopportabbli mill-konvenut appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------